MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Numru 217/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**VS**
**LARA BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Lara Borg ta' 24 sena, bint Mark u Sonia nee' Tanti, imwielda Pieta', Malta, fit-23 ta' Dicembru 1985, residenti Pinto Blk C Flat 4 Triq in-Nadur, Marsascala u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 28986(M).

Illi hija akkuzata talli f'Awissu 2008 u fil-gimghat immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Minghajr awtorizzazzjoni uzat kompjuter jew xi tghamir jew apparat iehor biex tidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' kompjuter iehor jew uzat, ikkupjat jew immodifikat kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;
2) Minghajr awtorizzazzjoni ppreveniet jew ostakolat id-dhul ghal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;
3) Minghajr awtorizazzjoni hadt fil-pussess xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlet uzu minnhom;
4) Minghajr awtorizzazzjoni nstallat, nehhiet, biddlet, ikkancellat, qerdet *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;
5) Minghajr awtorizzazzjoni uzat il-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer*.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.5) u dak ta' l-imputata (a fol.9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata fil-verbal datat 19 ta' April 2010 (a fol.4);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Lara Borg**, hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 337C (1)(a),(c),(f),(g) u (i) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa netta ta’ l-imputata u l-fatt illi l-azzjonijiet riprensibbli gew motivati biss minn gelosija wara relazzjoni illi ma rnexxietx.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------